

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.1.2007
KUMM(2007) 23 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-
REĠJUNI**

Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piziziet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea

{SEG(2007) 84}

{SEG(2007) 85}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea

1. Introduzzjoni

F'Novembru 2006, il-Kummissjoni pproponiet it-tnedija ta' Programm ta' Azzjoni ambizzjuż biex inaqqas il-piżijiet amministrattivi tar-regolazzjoni eżistenti fl-UE. Bħala parti minn din l-istrateġija, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007 jistabbilixxi mira għat-tnaqqis ta' 25%, li trid tinkiseb b'mod konġunt mill-UE u mill-Istati Membri sa l-2012¹. Dan jenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni lejn ir-Regolamentazzjoni Aħjar b'ħala parti mill-istrateġija "Xogħol u Tkabbir".

Il-mira globali għat-tnaqqis ta' 25% hija għan konġunt li jista' jintlaħaq biss fuq il-bażi ta' responsabbiltà konġunta u sforz komuni mill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropew. Huwa importanti li l-partijiet kollha involuti f'dan il-proċess jieħdu azzjoni xierqa u rapida, sabiex l-għan politiku jkun jista' jiġi tradott f'miżuri operattivi, għall-benefiċċju tal-komunità tan-negozju, partikolarment l-impriżi żgħar u medji, u tal-konsumaturi.

Dan il-Programm ta' Azzjoni ma jirrigwardax id-deregolamentazzjoni. U lanqas ma għandu l-iskop li jibdel l-għanijiet politiċi stipulati fil-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti jew il-livell ta' ambizzjoni fit-testi leġislattivi eżistenti. Minflok, dan jirrappreżenta sforz importanti biex il-mod kif l-għanijiet politiċi jiġu implimentati, jiġi ssimplifikat u jkun inqas ta' piż – miżura importanti tal-kwalità tar-regolamentazzjoni f'kull livell. Piżijiet amministrattivi żejda u sproporzjonati jista' jkollhom impatt ekonomiku reali. Dawn jistgħu jkunu wkoll irritant u ta' distrazzjoni għan-negozji u spiss jiġu identifikati bħala mira prijoritarja għas-simplifikazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata biex tgħin fit-tnaqqis ta' dawn il-piżijiet żejda fil-livelli kollha u tenfasizza li din hija responsabbiltà konġunta ta' l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej.

Dan il-Programm ta' Azzjoni jistabbilixxi kif il-Kummissjoni tipproponi li l-obbligi ta' l-informazzjoni (OI) għandhom jiġu identifikati, imkejla u mnaqqsa. Il-programm se jkejjel l-ispejjeż amministrattivi, jiddeċiedi liema minn dawn l-ispejjeż huma ta' piż żejjed u jnaqqas dawk il-piżijiet amministrattivi li mhumiex meħtieġa. B'mod Prattiku, hekk kif l-eżerċizzju ta' kejl jagħti r-riżultati tiegħu, il-Kummissjoni se tanalizzahom u tieħu l-inizjattivi meħtieġa lejn it-tnaqqis tal-piżijiet żejda. L-istrateġija ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni hija ambizzjuża u s-suċċess tagħha jiddependi ħafna fuq l-appoġġ u l-kooperazzjoni attivi ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE. Il-proġett pilota u l-miżuri nazzjonali li twettqu sal-lum² ikkonfermaw li t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa responsabbiltà konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni COM(2006)691: "Il-kejl ta' spejjeż amministrattivi u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-Unjoni Ewropea" Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni COM(2006)689: "Reviżjoni strateġika tar-Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea".

² "Il-proġett pilota fuq il-piżijiet amministrattivi", WIFO-CEPS, Ottubru 2006

It-tabella Nru 1 tiġbor il-komponenti differenti tal-Programm ta' Azzjoni u tirreferi għal aktar preżentazzjonijiet dettaljati tal-partijiet ewlenin individwali li hemm f'din il-Komunikazzjoni.

Tabella Nru 1 Komponenti li jikkostitwixxu l-Programm ta' Azzjoni ta' l-UE għat-tnaqqs tal-piżijiet amministrattivi	
	Metodoloġija għall-kejl ta' l-ispejjeż (Kapitolu 2 – Sezzjonijiet 2.1-2.2) u prinċipji għat-tnaqqs tal-piżijiet (Kapitolu 5)
	Oqsma ta' prijorià għall-kejl u t-tnaqqs tal-piżijiet amministrattivi żejda marbuta mal-leġislazzjoni tal-KE u l-leġislazzjoni "purament" nazzjonali u reġjonali rispettivament (Sezzjoni 2.3)
	L-istruttura organizzazzjonali proposta (Sezzjoni 2.4)
	Il-miri għat-tnaqqs tal-Piżijiet Amministrattivi (Kapitolu 3)
	Proposti għal azzjoni immedjata (Kapitolu 4)

Il-punt fokali tal-Programm ta' Azzjoni huwa fuq Obbligi ta' Informazzjoni (OI) skaduti, superfluwi jew ripetittivi li għandhom jiġu distinti minn fatturi leġislattivi konsistenti jew meħtieġa għall-ksib tal-benefiċċji tal-leġislazzjoni. L-għan huwa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda fuq in-negozji; madankollu, il-programm se jirriżulta wkoll f'titjib sostanzjali għall-konsumaturi, pereżempju, permezz ta' prezzijiet iktar baxxi. Jidher ċar li dawn il-miżuri ma għandhomx jikkompromettu l-iskop sostantiv tal-leġislazzjoni u għad hemm każijiet ċari fejn, fost oħrajn, minħabba raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa pubblika, il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema jew l-ambjent jew il-meħtieġa għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-obbligi ta' informazzjoni se jibqgħu meħtieġa.

Bażikament, qed ikun propost li l-Kummissjoni, bl-għajjnuna ta' l-Istati Membri, tkejjel il-piżijiet amministrattivi marbuta mal-leġislazzjoni Komunitarja u t-traspożizzjoni nazzjonali, u tfassal proposti xierqa ta' tnaqqis filwaqt li l-Istati Membri jkejlu u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tal-leġislazzjoni purament nazzjonali u reġjonali. Il-Programm se jibda f'Mejju 2007 u se jkollu l-għan li, sa Novembru 2008, jipprovdi evalwazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġislazzjoni tal-Komunità magħżula. Dan għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqs tal-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji b'madwar 25% sa l-2012. Sabiex jinkiseb dan l-għan ambizzjuż, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jidentifikaw, ikejlu u jnaqqsu l-piżijiet żejda fuq in-negozji.

Il-Programm għandu jrawwem benefiċċji ekonomiċi fuq tul ta' żmien, filwaqt li jagħti riżultati konkreti u tanġibbli fuq il-perjodu qasir u medju ta' żmien. L-enfasi tal-Programm huwa fuq it-tnaqqs tal-piżijiet amministrattivi żejda f'oqsma prijoritarji speċifiċi. L-oqsma prijoritarji fir-rigward tal-leġislazzjoni ta' l-UE ġew identifikati fuq il-bażi tas-sejbiet ta' proġett pilota³ li tlesta f'Ottubru 2006, il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati għall-programm ta' simplifikazzjoni li għaddej bħalissa u r-riżultati tal-konsultazzjoni mmedija mid-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni adottat fl-14 ta' Novembru 2006. L-oqsma prijoritarji magħżula jkopru r-rekwiżiti leġislattivi li jirrappreżentaw il-maġġoranza assoluta ta' l-ispejjeż amministrattivi fuq in-negozji, u b'hekk jippermettu lill-Kummissjoni u lil-leġislaturi responsabbli jikkonċentraw l-

³ "Il-proġett pilota fuq il-piżijiet amministrattivi", WIFO-CEPS, Ottubru 2006

isforzi u r-riżorsi tagħhom fuq oqsma fejn jista' jsir l-aktar impatt sinifikanti għat-titjib ta' l-ambjent regolatorju; madanakollu, il-modifiki korrispondenti għandhom isiru biss fejn ma jipperikolawx l-għanijiet sostantivi tal-leġislażzjoni. Fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-Programm għal oqsma oħra li bħalissa m'humiex inklużi fil-lista ta' prijoritajiet.

Flimkien mal-mira ta' tnaqqis u l-oqsma prijoritarji, il-Programm ta' Azzjoni jinkludi lista ta' azzjonijiet li jistgħu jitwettqu malajr li għandhom jinbnew matul il-Presidenza Ġermaniża (l-Anness III). Dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu l-ewwel kontribuzzjoni lejn l-ilħiq tal-mira għat-tnaqqis billi jagħtu riżultati malajr fit-terminu l-qasir u jenfasizzaw l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-istrateġija għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Il-Programm ta' Azzjoni kontinwament se jfittex li jagħti riżultati konkreti li jagħmlu l-ħajja tan-negozji eħfef.

1.1. Il-Piżijiet amministrattivi u l-ambjent tan-negozju ta' l-UE

Il-leġislażzjoni ta' l-UE għandha bħala għanijiet dawk stipulati fit-Trattati u l-għanijiet tal-politika pubblika li jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju milli fil-livell ta' l-Istati Membri. Dan għandu jiżgura wkoll li jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet għal Suq Intern li jaħdem b'mod effiċjenti, inkluż livelli xierqa ta' sikurezza, sigurtà u standards soċjali. L-informazzjoni u r-rappurtaġġ huma ċentrali għal kunfidenza reċiproka li tinsab fil-qalba tas-suq intern: sabiex jiġi garantit li kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet. L-informazzjoni u r-rappurtar huma importanti wkoll f'oqsma politiċi bħall-politika ta' koeżjoni u l-agrikoltura fejn fondi pubbliċi jiġu amministrati lill-benefiċjarji. Imma l-bilanċ bejn il-benefiċċji ta' dawn ir-rekwiżiti u l-piż amministrattiv tagħhom irid jiġi ssorveljat kontinwament, u maż-żmien jista' jinbidel – uħud mill-proċeduri eżistenti li hemm fis-seħħ saru jieħdu ħafna ħin bla bżonn, saru kkumplikati wisq jew skaduti, filwaqt li f'ċerti każi l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli diġà minn għejjun oħrajn.

Ir-rekwiżiti amministrattivi għandhom effett importanti fuq l-ambjent tan-negozju minħabba li n-negozji madwar l-UE huma obbligati jgħaddu ammonti konsiderevoli ta' ħin jimlew formuli u jirrapportaw fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet. Dawn l-ispejjeż bħalissa huma stmati li jammontaw għal 3.5% tal-PGD fl-UE. Pereżempju, billi jitnaqqsu kundizzjonijiet żejda ta' rappurtar, l-impjegati ta' kumpanija jistgħu jgħaddu aktar ħin fuq l-attivitajiet ewlenin tan-negozju li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u jippermettu li jinħolqu investimenti addizzjonali u attivitajiet ta' innovazzjoni, li min-naħa tagħhom itejbu l-produttività u l-kompetittività ġenerali.

Il-mira konġunta għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi b'25% fl-2012 tkopri l-leġislażzjoni Komunitarja kif ukoll il-miżuri regolatorji nazzjonali. L-ilħiq ta' dan l-għan jista' jwassal għal żieda fil-livell tal-PGD ta' l-UE b'madwar 1.4% jew € 150 biljun fuq terminu medju ta' żmien⁴.

1.2. Definizzjoni ta' l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi

Huwa importanti li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi rispettivament – dawn id-definizzjonijiet jingħataw hawn taħt fuq il-bażi tal-manwal internazzjonali maqbul tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż u d-definizzjonijiet tal-Metodoloġija Standard ta' l-UE għall-Mudell ta' l-Ispejjeż (EU SCM)⁵.

⁴ Gelauff, G.M.M. u A.M. Lejour (2005). Five Lisbon highlights: The economic impact of reaching these targets. CPB Document 104. CPB, The Hague.

⁵ *EU model – manual*, Marzu 2006, p.1 (http://ec.europa.eu/governance/impact/docs/sec_2005_0791_anx_10_en.pdf); *International Standard Cost Model Manual – measuring and reducing administrative burdens for businesses*, October 2005, p.7

L-ispejjeż tal-konformità huma l-ispejjeż kollha għall-konformità mar-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż finanzjarji diretti u konsegwenzi strutturali fuq medda twila ta' żmien. Fil-kuntest tal-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż, dawn jistgħu jitqassmu fi 'spejjeż ta' konformità sostantivi' u 'spejjeż amministrattivi'.

L-ispejjeż amministrattivi huma definiti bħala l-ispejjeż imġarrba mill-intrapriżi, is-settur voluntarju, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini sabiex jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-azzjonijiet jew il-produzzjoni tagħhom, lill-awtoritajiet pubbliċi jew lill-partijiet privati.

B'informazzjoni wieħed għandu jifhem is-sens wiesa' tal-kelma, i.e. li tinkludi l-ispejjeż ta' tikkettar, rappurtaġġ, monitoraġġ u evalwazzjoni meħtieġa għall-għoti ta' l-informazzjoni u r-reġistrazzjoni. F'xi każijiet, l-informazzjoni trid tiġi trasferita lill-awtoritajiet pubbliċi jew lill-partijiet privati. F'każijiet oħra, trid tkun biss disponibbli għal spezzjoni jew forniment meta tintalab.

Jeħtieġ issir distinzjoni importanti bejn l-informazzjoni li tinġabar min-negozji anke fin-nuqqas tal-leġiżlazzjoni u informazzjoni li ma tinġabarx jekk mhux għad-dispożizzjonijiet legali. L-ispejjeż li ġejjin minn dan il-każ ta' l-aħħar jissejħu piżijiet amministrattivi. Uħud mill-piżijiet amministrattivi jinħtieġu biex l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni u l-livell preskritt ta' protezzjoni definit fit-Trattati jintlaħqu b'mod effettiv; pereżempju fejn ikun hemm bżonn ta' informazzjoni biex is-swieq isiru trasparenti. Pero` hemm bosta każijiet oħra fejn il-piżijiet jistgħu jiġu ssimplifikati u jtnaqqsu mingħajr ma jiġu affettwati l-għanijiet sostantivi – dawn il-piżijiet huma ovvjament żejda..

Il-Programm ta' Azzjoni għandu l-għan li jkejjel l-ispejjeż amministrattivi, jidentifika u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi, mingħajr ma jnaqqas xejn mill-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjonijiet⁶.

2. L-iżvilupp ta' kejl għall-UE kollha tal-piżijiet amministrattivi

2.1. Il-mudell SCM ta' l-UE

Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2005 talab lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex jikkunsidraw metodoloġija komuni għall-kejl tal-piżijiet amministrattivi bil-għan li jintlaħaq ftehim sa l-aħħar ta' l-2005. Fis-16 ta' Marzu 2005 il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea inkludiet, bħala akkumpanjament għad-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, ħarsa dettaljata lejn "Mudell ta' l-Ispejjeż Amministrattivi Netti ta' l-UE"⁷ ibbażat fuq il-Mudell Standard ta' l-Ispejjeż⁸.

Id-deskrizzjoni tal-Mudell ta' l-Ispejjeż Amministrattivi Netti ta' l-UE ġie emendat u rfinat permezz ta' fażi sperimentali li saret minn April sa Settembru 2005 u li waslet lill-Kummissjoni biex tippreżenta metodoloġija riveduta, imsejħa wkoll l-"EU SCM"⁹. Il-Kummissjoni elenkat għadd ta' titjibiet possibbli lill-EU SCM, filwaqt li għamlitha ċara li din l-ottimizzazzjoni ma kinitx prerekwiżit għall-applikazzjoni tagħha. Manwal operattiv għall-applikazzjoni tal-mudell

(<http://www.oecd.org/dataoecd/32/54/34227698.pdf>).

⁶ "International SCM manual" <http://www.oecd.org/dataoecd/32/54/34227698.pdf>.

⁷ Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff, Anness għall-Komunikazzjoni ta' l-2005 dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea, *Minimizing Administrative Costs Imposed by Legislation, Detailed Outline of a Possible EU Net Administrative Cost Model* - SEC(2005) 175, 16.3.2005.

⁸ L-użu ta' l-SCM wera progress sinifikanti bir-riformi regolatorji f'bosta Stati Membri, u dan il-Programm ta' Azzjoni għandu l-għan ċar li jżid ma' dawn l-esperjenzi. Bħalissa l-SCM qiegħed jintuża minn 17-il Stat Membru u l-OECD. <http://www.administrative-burdens.com/>

⁹ Ara d-Dokument tal-Ħidma ta' l-Istaff, *Developing an EU common methodology for assessing administrative costs imposed by EU legislation - Report on the Pilot Phase* (April– September 2005), SEC(2005) 1329, anness mal-Komunikazzjoni dwar "Metodoloġija komuni ta' l-UE għall-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni" - COM(2005) 518, 21.10.2005.

ġie inkluż fil-15 ta' Marzu 2006 fil-linji ta' gwida ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt¹⁰ u tradott fil-lingwi kollha uffiċjali ta' l-UE sabiex jiffaċilita l-konverġenza metodoloġika. L-EU SCM ġie applikat f'għadd ta' Evalwazzjonijiet ta' l-Impatt¹¹ ippublikati jew previsti sabiex ikun żgurati li kwalunkwe piż amministrattiv maħluq minn leġiżlazzjoni ġdida jiġi ġġustifikat u mminimizzat¹².

2.2. Il-kejl ta' l-UE u l-identifikazzjoni ta' l-Obbligi ta' Informazzjoni (OI).

Il-Programm ta' Azzjoni se juża l-Mudell Standard ta' l-UE ta' l-Ispejjeż (EU SCM)¹³ sabiex jidentifika l-iktar OI ta' piż – rekwiżiti għat-tressiq ta' l-informazzjoni (eż. tressiq ta' ċertifikat ta' konformita) fl-oqsma prijoritarji proposti f'din il-Komunikazzjoni, biex dawn jiġu evalwati u biex jiġu ġġenerati osservazzjonijiet dwar kif dawn il-piżijiet jistgħu jitnaqqsu.

Sejba essenzjali tal-proġett pilota huwa li l-identifikazzjoni ta' l-OI speċifiki għandha tikkostitwixxi l-bażi tal-programm ta' kejl. Anki jekk ikun magħruf li l-għadd ta' OI ivarja konsiderevolment bejn l-Istati Membri¹⁴, huwa iktar faċli li jitkejlu l-OI milli biċċiet sħaħ ta' legi zlazzjoni li jvarjaw bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, l-OI jikkostitwixxu l-materja prima ta' kwalunkwe programm għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Dan jimplika klassifikazzjoni ċara ta' dawn l-OI fl-atti bażiċi u fir-regoli sussegwenti ta' implimentazzjoni, fil-livell ta' l-UE kif ukoll dak nazzjonali. L-ewwel stadju ta' l-eżerċizzju, għalhekk, se jikkonsisti f'identifikazzjoni preċiża ta' l-OI ewlenin kollha rikjesti skond il-liġi mill-atti leġiżlattivi koperti. L-ewwel se jiġu identifikati l-OI preskritti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, sabiex b'dan il-mod dawk li huma marbuta mal-leġiżlazzjoni Komunitarja iżda miżjuda mill-Istati Membri fil-legi zlazzjoni ta' traspożizzjoni tagħhom jiġu identifikati sussegwentement. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jassenjaw l-OI qabel iseħħ il-kejl ta' l-ispejjeż.

Peress li l-Istati Membri li diġà lestew il-kejl bażi tagħhom adottaw varjanti daqsxejn differenti mill-SCM oriġinali, diffiċli jsir tqabbil minn pajjiż għall-ieħor tad-*data* eżistenti, partikolarment meta wieħed jipprova jiġbor ir-riżultati flimkien u jiddetermina l-orijini ta' l-OI. Se tkun meħtie ga xi armonizzazzjoni teknika (Ara l-Anness I).

2.3. L-ambitu tal-programm ta' azzjoni: il-leġiżlazzjoni li se tiġi evalwata

F'konformita ma' l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjegi, u wara konsultazzjonijiet u diskussjonijiet dwar id-dokument ta' hidma¹⁵, il-Kummissjoni tipproponi li l-ambitu tal-Programm ta' Azzjoni jiġi limitat għall-obbligi fuq in-negozi¹⁶.

¹⁰ Ara http://ec.europa.eu/governance/impact/docs_en.htm.

¹¹ Ara, pereżempju, *Impact on postal services* SEC(2006) 1292 li jakkumpanja COM(2006) 594.

¹² Minkejja li għandhom metodoloġija komuni, l-eżerċizzi tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huwa differenti minn eżerċizzju normali ta' Evalwazzjoni ta' l-Impatt. Dan l-eżerċizzju dwar il-piżijiet amministrattivi għandu l-għan li jipprovdi kejl komprensiv *ex-post* tal-leġiżlazzjoni f'qasam politiku għal-livelli kollha ta' leġiżlazzjoni u, imbagħad, identifikazzjoni sussegwenti tal-miri tat-tnaqqis. Min-naħa l-oħra, evalwazzjoni ta' l-impatt tkejjel l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha ta' l-għażliet politiċi kollha disponibbli, filwaqt li l-metodoloġija dwar il-piż amministrattiv hija biss għodda parzjali għall-kejl li għandha tintuża fi proporzjon u għandha tintuża biss fl-evalwazzjoni *ex-ante* ta' l-impatti tal-bidliet proposti fil-leġiżlazzjoni (strateġija marġinali).

¹³ SEC (2005) 175.

¹⁴ Ir-Renju Unit identifika madwar 20 000 obbligu filwaqt li d-Danimarka u l-Olanda identifikaw 1 100 u 3 000 rispettivament.

¹⁵ Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni COM(2006)691: "*Measuring administrative costs and reducing administrative burdens in the European Union*".

¹⁶ Madankollu, il-Kummissjoni se tanalizza r-rekwiżiti amministrattivi għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-Politika tal-Koeżjoni. Barra minn hekk, dan il-programm ta' azzjoni mhux se jipprevjeni inizjattivi

Barra minn hekk, wara l-konsultazzjoni dwar id-Dokument ta' Ħidma ta' Novembru, hemm qbil ġenerali li l-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' l-OI, il-kejl ta' l-ispiża tagħhom u l-identifikazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tal-piżijiet ta'¹⁷:

Fir-rigward ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni:

- regolament u direttivi tal-KE (inklużi OI li joriġinaw mil-liġi internazzjonali) f'dawk l-oqsma prijoritarji fejn il-piżijiet huma l-ikbar u/jew jitqiesu li huma hekk ("irritanti tan-negozju")

u

- miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni u ta' implimentazzjoni marbuta ma' dawn ir-regolamenti u direttivi tal-KE

Fir-rigward ta' l-Istati Membri:

- Sadanittant, l-Istati Membri għandhom jew iwettqu l-kejl bażi sħiħ ta' l-OI f'pajji żhom jew jidentifikaw oqsma prijoritarji għall-kejl u t-tnaqqis ta' OI purament nazzjonali jew reġjonali.

Il-Kummissjoni hija mħeġġa mill-fatt li fl-2006, sbatax-il Stat Membru, sitta iktar mill-ħdax tas-sena ta' qabel, iddeċidew li jkejlu u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u li tnejn oħra qed jittestjaw il-metodoloġija. Il-programm ta' azzjoni għandu jipprevedi li sa l-2009, l-Istati Membri kollha jkunu lestew il-kejl ta' l-OI fl-oqsma prijoritarji nazzjonali u reġjonali ewlenin. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-kejl bażi komuni fl-oqsma prijoritarji u l-miri għat-tnaqqis, maqsuma bejn il-Komunità u l-Istati Membri skond l-oriġini tal-piżijiet amministrattivi. Wara diskussjonijiet u konsultazzjoni dwar id-Dokument ta' Ħidma ta' l-14 ta' Novembru, il-Kummissjoni identifikat l-oqsma prijoritarji li ġejjin fir-rigward tal-leġislazzjoni Komunitarja li għandha tiġi indirizzata:

1. Il-liġi tal-kumpaniji
2. Il-leġislazzjoni farmaċewtika
3. L-ambjent tax-xogħol/ir-relazzjonijiet fl-impjiegi
4. Il-liġi tat-taxxi (VAT)
5. L-istatistika
6. L-agrikoltura u s-sussidji agrikoli
7. Is-sikurezza ta' l-ikel
8. It-trasport
9. Is-sajd
10. Is-servizzi finanzjarji
11. L-ambjent
12. Il-politika ta' koeżjoni
13. L-akkwisti pubbliċi

Fl-Anness II lista ta' dawn l-oqsma prijoritarji hija akkumpanjata minn leġislazzjoni speċifika f'dawn l-oqsma magħżula għall-kejl. F'oqsma fejn ix-xogħol biex jitkejlu l-ispejjeż

oħra tal-Kummissjoni li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u/jew is-settur volontarju.

¹⁷ Għal aktar dettalji tekniċi ara *EU Model - manual* (http://ec.europa.eu/governance/impact/docs/sec_2005_0791_anx_10_en.pdf).

amministrattivi jew biex jiġi evalwat l-impatt ekonomiku wiesa' tal-leġislazzjoni fl-2007 diġà nbeda jew huwa pplanat (eż. fil-Liġi tal-Kumpaniji, l-Agrikoltura, l-Akkwisti Pubbliċi u l-Politika ta' Koeżjoni), se tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib biex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji. F'każ li ħidma ulterjuri tindika biċċiet ta' leġislazzjoni oħra fil-livell ta' l-UE li huma eċċessivament ta' piż u li tħallew barra mil-lista annessa, dawn se jiġu miżjudi. Il-lista ta' oqsma prijoritarji u leġislazzjoni speċifika hija mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet sussegwenti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. F'ċerti każi, il-kejl jista' saħansitra jsib li l-piżijiet kollha imposti mil-leġislazzjoni huma filfatt meħtieġa. Ovvjament, dawn l-obbligi ma jitneħħewx.

2.4. Kwistjonijiet amministrattivi

Il-Kummissjoni tipproponi li l-istrateġija deskritta hawn fuq tista' tiġi implimentata permezz ta' sħubija ma' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tiżgura l-kompatibilità ta' dan l-eżerċizzju ma' l-impenn li ħadet qabel biex twassal fil-ħin il-posti elenkati fil-Programmi ta' Ħidma tagħha.

2.4.1 Konsulenti esterni

Il-Kummissjoni se tqabba servizzi ta' konsulent estern biex iwettaq il-kejl effettiv ta' l-ispejjeż amministrattivi tal-leġislazzjoni Komunitarja u li għandu jintgħażel kmieni fl-2007 wara sejħa għal proposti. Il-konsulenti se jwettqu l-kejl, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni; se jirrapportaw dwar il-biċċiet ta' leġislazzjoni magħżula għall-kejl u jagħtu suġġerimenti lill-Kummissjoni għat-tnaqqis fl-oqsma politiċi kollha. Il-kopertura tal-Programm jista' jiġi estiż f'każ ta' l-identifikazzjoni ta' iktar OI eliġibbli għat-tnaqqis.

2.4.2 L-Istati Membri u l-Kummissjoni

Il-proġett se jiġi mmonitorjat minn Grupp ta' Tmexxija u bosta sottogrupperi esperti li għandhom jiġu definiti fi stadju iktar tard.

Huwa propost li l-involvement ta' l-Istati Membri jgħaddi l-ewwel mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Nazzjonali għar-Regolamentazzjoni Aħjar. Dan il-grupp se jirrevedi l-progress b'mod regolari, jagħti pariri lill-Kummissjoni u jiżgura li l-punti ta' kuntatt fl-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri jkunu disponibbli għas-servizzi tal-Kummissjoni u l-kuntratturi tagħhom. Gruppi oħra ta' esperti li jagħtu pariri lill-Kummissjoni se jservu bħala punt ta' kuntatt għal oqsma prijoritarji speċifiċi.

Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll taqsam l-ideat fuq bażi regolari man-netwerk eżistenti ta' l-SCM u titlob il-kontribut tagħhom fuq kwistjonijiet ta' metodoloġija li jistgħu jinqalgħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem ma' l-Istati Membri biex tidentifika u xxerred prassi tajba għat-tnaqqis ta' Obbligi ta' Informazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali li jkunu ta' piż.

Il-Kummissjoni biħsiebha tirrapporta regolarment dwar il-progress tal-Programm ta' Azzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.4.3 Irbit ma' attivitajiet rilevanti oħra li għaddejjin bħalissa

Il-Programm ta' Azzjoni Komunitarju għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għandu rabtiet ma' bosta attivitajiet oħra li għaddejjin bħalissa, partikolarment il-programm kontinwu tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni li diġà fih għadd ta' biċċiet ta' leġislazzjoni inklużi fl-oqsma prijoritarji definiti f'dan il-Programm ta' Azzjoni. It-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi huwa għamla speċifika ta' simplifikazzjoni u l-kejl u l-analiżi tat-tnaqqis fil-Programm ta'

Azzjoni, għalhekk, se jikkontribwixxi lejn il-programm tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni b'mod aktar ġenerali.

Għadd ta' studji, li diġà nbdeu jew li huma ppjanati, dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi fis-setturi speċifiċi, se jkunu wkoll ta' rilevanza kbira għall-Programm ta' Azzjoni¹⁸. Pereżempju, fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, f'Diċembru ta' l-2006 tnedja studju dwar il-kejl tal-piżijiet amministrattivi għall-bdiewa li rriżultaw mir-riforma tal-CAP fl-2003

2.4.4 Ir-riżultati tal-proposti dwar il-kejl u s-simplifikazzjoni

Dan l-eżerċizzju ta' kejl se jieħu madwar sentejn iżda dan il-Programm ta' Azzjoni biħsiebu jwassal għal azzjoni immedjata. Il-Kummissjoni mhix se tistenna sa tmiem il-proġett qabel tagħmel proposti għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Waqt li jkun qed isir il-kejl, il-Kummissjoni se tfittex li kontinwament tidentifika rekwiżiti li jistgħu jiġu ssimplifikati, imneħija jew modifikati sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda.

2.4.5 L-involviment tal-partijiet interessati

Il-Programm ta' Azzjoni se jkollu strateġija trasparenti, fejn il-kontributi mill-partijiet interessati minn madwar l-Ewropa kollha se jiġu mwiegħa kontinwament¹⁹. Barra minn hekk, in-negozji Ewropej se jkollhom il-possibilità li jinvolvu ruħhom sewwa fl-eżerċizzju tal-kejl, eż. permezz ta' intervisti dettaljati. Fl-aħħarnett, il-possibilitajiet elettroniċi għall-aħjar interazzjoni se jiġu investigati wkoll.

3. Miri għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi

Il-Kummissjoni pproponiet strateġija ambizzjuża biex tidentifika, tkejjel u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi fl-UE. Mira komuni għat-tnaqqis tiżgura momentum politiku u trawwem ir-responsabbiltà fil-livelli kollha. Permezz tal-miri jkun iktar faċli li l-proċess kollhu tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi jiġi mmonitorjat²⁰. Dak li jitkejjel, isir.

Il-Kummissjoni pproponiet mira konġunta għall-UE, li tkopri l-livelli Komunitarji kif ukoll dawk nazzjonali u reġjonali, għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi b'25% fl-2012. Dan jirrifletti l-miri nazzjonali, fejn diġà ġew stabbiliti²¹.

3.1. L-istabbiliment ta' miri f'erba' Stati Membri

Permezz ta' l-eżaminazzjoni ta' l-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri li diġà bdew il-programmi ta' kejl u tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, jistgħu jinkisbu t-tagħlimiet li ġejjin għall-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE.

L-evidenza mill-erba' Stati Membri li wettqu l-kejl bażi sħiħ, li jkopri ż-żewġ piżijiet li jori

¹⁸ COM (2006) 689, p. 10.

¹⁹ Dan se jiġi strutturat permezz tal-proġett pilota propost fil-baġit ta' l-2007 (linja ta' referenza tal-baġit: 26 01 08).

²⁰ Ir-Reviżjoni tal-Grupp tal-Bank Dinji tal-Programm Olandiż għat-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi, Novembru 2006; *Administrative Simplification In The Netherlands*, OECD, 1-24 ta' Novembru 2006.

²¹ Xi pajjiżi stabbilew mira globali 'politika' qabel ma saru jafu r-riżultati (UK, SE) jew saħansitra qabel bdew il-fażi tal-kejl (NL, DK, CZ, AT). Dawn il-pajjiżi kollha stabbilew mira ta' 25% ħlief ir-Repubblika Ċeka (20%).

ginaw fil-livell tal-Komunità u dak ta' l-Istat Membru, tissuġġerixxi li mira ta' tnaqqis ta' 25% tista' tintlaħaq permezz ta' l-aġġornament u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni fiż-żewġ livelli. Dan huwa kkorroborat ukoll mill-eżerċizzji ta' kejl iktar parzjali li twettaq minn għadd kbir ta' Stati Membri f'setturi individwali. Dawn ir-riżultati empiriċi juru li jeżistu piżijiet amministrattivi sinifikanti li jistgħu jitnaqqsu permezz ta' għadd ta' metodi għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż, stipulati hawn taħt, mingħajr ma jiġu affettwati l-għanijiet sostantivi tal-leġiżlazzjoni.

3.2. Tagħlimiet għall-iżvilupp tal-miri għall-UE

3.2.1 Il-mira ta' 25% bħala ankra għall-programm

L-esperjenza ta' l-Istati Membri li kellhom reviżjoni tissuġġerixxi li għandha tiġi stabbilita mira ġenerali, fi stadju bikri, flimkien mat-tnedija ta' eżerċizzju ta' kejl ibbażat fuq il-metodoloġija maqbula. Il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill Ewropew għandu jstabbilixxi din il-mira konġunta fir-rebbiegħa ta' l-2007. Huwa propost li din għandha tammonta għal tnaqqis ta' 25% tal-piżijiet amministrattivi fl-UE kollha u li din il-mira tintuża bħala ankra politika biex tiġġenera l-momentum għall-azzjoni.

Iktar speċifikament, il-Kummissjoni tqis ukoll li l-Kunsill Ewropew għandu japprova mira ta' 25% għat-tnaqqis, kemm għal-leġiżlazzjoni tal-KE kif ukoll għall-miżuri tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu jitlob lill-Istati Membri biex jstabbilixxu miri komparabbli fil-livell nazzjonali sa mhux iktar tard minn Ottubru 2008. Huwa permezz ta' din l-istrateġija multipla li n-negozji se jibbenefikaw minn titjib ċar fl-ambjent tan-negozju.

3.2.2 L-UE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni konġunta biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi

F'dan il-Programm ta' Azzjoni, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjanijiet tagħha għall-kejl u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi marbuta mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u miżuri relatati ta' traspożizzjoni. Madankollu, biex jinħassu l-benefiċċji sħaħ ta' mira konġunta ta' 25% hemm b'żonn ta' impenn indaqs mill-Istati Membri fir-rigward ta' dawk il-miżuri purament nazzjonali u reġjonali u t-traspożizzjoni.

Għal dawk il-partijiet tal-kejl li se jsiru mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' l-Istati Membri, l-azzjoni se tkun immirata lejn dawk il-piżijiet li joriġinaw fl-oqsma prijoritarji elenkati f'dan il-Programm ta' Azzjoni²². Huwa mistenni li l-mira konġunta ta' 25% tintlaħaq fi żmien ħames snin. Huwa propost li l-progress jiġi analizzat fir-Rebbiegħa ta' l-2009. Din l-iskeda ta' żmien hija ambizzjuża meta wieħed iqis li eżerċizzju ta' kejl ta' dan id-daqs qatt ma sar qabel u għandu jieħu ammont konsiderevoli ta' żmien - bħalissa huwa stmat li jieħu għallinqas sena u nofs. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jeħtiġilhom ifasslu proposti għat-tnaqqis li jagħtu raġunijiet għaliex l-obbligi ta' informazzjoni ma għadhomx meħtieġa. Fl-aħħarnett, il-bidliet meħtieġa fil-livell Komunitarju, fil-biċċa l-kbira, jeħtieġ jiġu deċiżi permezz tal-proċess interistituzzjonali. Għalhekk, din l-iskeda ta' żmien se tirrikjedi impenji kbar mill-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri biex ikun żgurat li l-proċessi leġiżlattivi fil-livell ta' l-UE u dak nazzjonali jitlestew fil-ħin biex il-miżuri rilevanti jsiru effettivi fl-2012.

